# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

**Tel: 21573045/ Fax:21578118**
**www. parroċċaburmarrad.com**
**email:kappillan@parroccaburmarrad.com**

***LEĦEN IL-PARROĊĊA - Settembru 2011 - Nru. 347***

Il-paċi magħkom

***"Qum u imxi aqdef 'il barra"*** kien il motto tiegħi fil-bidu tal-parrokat tiegħi. F'Settembru aħna l-patrijiet sejrin nerġgħu ngħixu l-Kapitlu Ordinarju provinċjali li jsir kull erba' snin. Dan ifisser li għaddew erba' snin ta' ħidma fil-parroċċa tagħna. Qum u imxi żmien sabiħ fejn id f'id ħdimna biex il-parroċċa tajnieha dehra ġdida u ta' dan l-ewwel u qabel kollox nirringrazzjaw lil Mulej u mhux inqas lil Ommna Marija Santissima li dejjem kienet magħna f'kull ħaġa li saret fil-Parroċċa, kemm dawk l-attivitajiet spiritwali li qabel kollox f'parroċċa huma l-iżjed importanti u li għinuna nikbru iżjed f'dak li huwa zvilupp spiritwali kif ukoll f'attivitajiet soċjali għaliex hekk sirna nafu iżjed lil xulxin.

Fil-ħajja kollox jgħaddi imma meta wieħed jagħmel il-pedament tiegħu fuq is-sod jigri x'jigri mhux ser jiġġaraf. Il-kelma soda hija l-Kelma ta' Alla għaliex jiena ha ngħid min dak li nara jiena bnejna fuq il-kelma ta' Alla akkost id-diffiċultajiet li sibna imma meta wieħed ikun jaf fejn irrid jasal allura jigri x' jigri fil-ħajja ħa jibqa għaddej u ha jirnexxielu jegħleb kull ostaklu li jkollu quddiemu. Dan kollu, għeżież, seta' jsir ukoll permezz tal-kollaborazzjoni tagħkom il-parruċjani l-iżjed meta aħna flimkien waqqafna il-kummisjonijiet għaliex il-parroċċa kompliet ħadet vizjoni differenti għal ġid tal-parruċjani u l-komunita' kollha.

Ix-xahar ta' Settembru iġib miegħu ukoll attivitajiet differenti li issa daħlu fil-kalendarju tagħna fil-parroċċa. Din is-sena f'Settembru sejjer ikollna ukoll il-festa tal-bdiewa lis-sena l-oħra saret f'Ottubru u għalhekk il Maratona li kienet issir fit-tieni Gimgħa din is-sena sejra issir kwazi fl'aħħar ta' Settembru. Huwa żmien sabiħ fejn il-parruċjani niltaqgħu flimkien u nieħdu pjaċir flimkien. Tajjeb li kif tagħmlu soltu tkunu hemm ukoll bil-presenza tagħkom. Ikollna ukoll il-festa ta' San Mikiel fid-29 tax-xahar u l-festa ta' San Ġuzepp ta' Copertino l-patrun tal-istudenti. Kif

ukoll nistgħu ngħidu li s-sajf ikun kwazi wasal fi tmiemu għaliex jibdew l-iskejjel ukoll, u nerġgħu naqbdu rutina tal-ħidma tagħna.

Nistgħu ngħidu li l-progetti li kellna f'dawn l-erba' snin ġew fi tmiemhom. Kemm l-istatwa tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll iċ-Ċentru Ħastorali. Għandna għalfejn inkunu kburin li l-parroċċa issa għandha ċentru fejn fiħ inkunu nistgħu inkomplu nikbru flimkien permezz ta' tagħlim kif ukoll attivitajiet soċjali. Ukoll xi ħaga sabiħa li ma kienitx pjanata fiċ-ċentru imma meta tintelaq f'idejn Alla huwa jurik x'ikun irrid minnek; f'dan il-kaz fiċ-ċentru għandna Kappella tas-sagrament kif ukoll librerija li aħna b'għajnuna ta' ħafna qegħdin noffru dan is-servizz fil-parroċċa tagħna. Huwa servizz ġenwin li minnu aħna ukoll għandna għalfejn inkunu kburin, għaliex, għalkemm parroċċa zgħira xorta nistgħu noffru dawn is-servizzi kollha u dan għaliex fil-parroċċa tagħna għandna ħafna persuni li huma ta' qalb kbira.

Ma nieqfux hawn, għad fadal xi jsir għall-ġid tal-komunita u naf cert li dan jista issir għaliex ir-rieda qeda' hemm. Imma nitlobkom biex titolbu għal provinċja tagħna, għalina l- patrijiet sabiex f'dan il-kapitlu li aħna sejrin ngħixu dejjem issir ir-rieda ta' Alla. Nintelqu f'idejh u kif ukoll f'idejn it-talb tagħkom, ħalli għal grazzja ta' Alla inkunu nistgħu inkomplu naħdmu flimkien jekk dejjem hija rieda Tiegħu.

Tkunu imberkin
P. Donald M. Bellizzi—Kappillan

## Rokna għat-Tfal - Settembru

Ħellow tfal,

Kif intom sejrin fil-vaganzi tas-sajf? Nispera li qed tieħdu gost u mportanti li tistrieħu wkoll għax lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar terġgħu lura lejn l-iskola. Min jaf kemm hawn minnkom li smaru bix-xemx peress li qed iqatta' l-btajjel tiegħu ħdejn xatt il-baħar. Intom tiehdu gost tagħmlu xi kastell bir-ramel ħdejn il-baħar? Niftakar meta kont żgħira jien u oħti konna nagħmlu mħatra minn jagħmel l-akbar kastell! Illum tfal ser nirrakkontalkom storja ta' żewġt itfal Ingliżi. Dawn ma tantx kienu jafu jgħumu daqskom peress li ma kinux immorru spiss il-baħar. Aħna l-Maltin iffortunati għax peress li Malta hija gżira, hi mdawwra b'baħar sabiħ u toqgħod fejn toqgħod malajr tasal il-baħar. Dawn iż-żewġt itfal hekk kif waslu fuq il-bajja bdew ji ġru fuq ir-ramel. Kienu ħafjin, imma ma kinux qed jgħumu avolja kien baħar kwiet u mhux kiesaħ ħafna.
Il-mama tagħhom ukoll qagħdet ħafja, u sakemm it-tfal bdew jiġru fuq ir-

ramel u jċafċfu saqajhom fl-ilma, hi bdiet tagħmel kastell tar-ramel. Ir-raġel tagħha jiġifieri missier iż-żewġt itfal, qagħad jiġbed ir-ritratti.
Xi drabi t-tfal kienu jġibu pala tal-plastik u jimbuttaw ir-ramel ħdejn il-mama. Hi kienet taqbad ir-ramel f'idejha u tqiegħdu fuq xulxin sakemm bniet kastell. Fl-aħħar tafu x'għamlet? Hi mliet barmil bir-ramel, poġġietu rasu 'l isfel, ħarġet il-barmil u r-ramel sar l-biċċa ta' fuq tal-kastell. Issa l-kastell kien lest u veru ġie sabiħ. Tgħidx kemm ġibed ritratti l-papa! Iż-żewġt itfal qagħdu jduru mal-kastell, jaqbżu u jifirħu. Ankè l-papa u l-mama qagħdu jifirħu magħhom. Meta sar il-ħin, din il-familja telqet lura lejn il-lukanda. It-tfal bdew iħossuhom imdejqin li mhux ser jilagħbu aktar bil-kastell li kienet bniet il-mama. Imma l-ġenituri tagħhom malajr bidlulhom il-burdata għax wegħduhom li l-għada kellhom jerġgħu jmorru hemm biex joqogħdu jilagħbu bil-kastell. L-għada filgħodu, wara l-kolazzjon, libsu l-malja u rħewlha lejn il-bajja. Kemm kienu ddisappuntati t-tfal. Il-kastell ma kienx hemm! Il-baħar kien tela' fuq ir-ramel u l-kastell kien waqa' u nħall mal-baħar. Dak il-kastell sabiħ kien sar ramel bħal qabel! Għalhekk minnufih iż-żewġt itfal iddeċidew li jerġgħu jibnu kastell ieħor. Bnew kastell ieħor tar-ramel li ġie veru sabiħ u l-familja kollha qagħdet tgawdih u jilagħbu flimkien.
Tfal, nispera li għoġbitkom din l-istorja. Illum tajjeb li nispiċċaw din ir-rokna b'din it-talba ċkejkna:

**Mulej, meta jien norqod u barra jkun id-dlam, int oqgħod dejjem għassa u ħu ħsiebi. Inti ma jiġrilekx bħall-kastell tar-ramel, li jmur mal-mewġ tal-baħar. Imma inti tibqa' dejjem miegħi, kuljum, kull ħin u dejjem. Mulej inti sod daqs il-blat għalhekk int il-fortizza tiegħi. Ammen.**

Tfal, nawguralkom il-kumplament tal-vaganzi t-tajba u awguri għas-sena skolastika l-ġdida…Saħħa!



Ħsieb Spiritwali

# *L-Arcisqof fl-Ajruport*



L-Arcisqof ta' New York, Timothy Dolan, jirrakonta hekk:

Ili sacerdot 35 sena, u din il-haga gratli tlett darbiet biss, kollha fl-ahhar ghaxar snin. Sacerdoti shabi jghiduli li gratilhom izjed drabi minn hekk. Kull darba li nghaddi minn din l-esperjenza nispicca mrieghed u b'hass hazin.

Ftit ilu wasalt l-ajruport ta' Denver ghal konferenza. Waqt li kont qed nistenna l-karozza, gie fuqi ragel u staqsieni: *Inti sacerdot Kattoliku?* U jiena ghidtlu: *Iva. Kif ahna hi?* filwaqt li hrigt idi biex nehodlu b'idu. Izda hu ma hadlix b'idi. Qalli: *Jiena gejt imrobbi bhala Kattoliku, u llum, bhala missier ta' zewg subien, x'hin nara wiehed bhalek flok sacerdot nara pedofilu.*

X'taqbad tirrispondih? Titlob skuza? Tghajjat mieghu? Turih li tifhem? Qabduni rabja u misthija fl-istess hin ghall-mibeghda li biha kellimni. Ghidtlu: *Jiddispjacini hafna li thossok hekk. Imma, ha nsaqsik, meta tara Rabbi Lhudi jew Minister Protestant, tara fihom pedofilu?*

*Lanqas tghaddili minn mohhi,* qalli.

*U meta tara coach ta' tim, jew boy scout leader, jew counselor, jew tabib, tara pedofilu?*

*U zgur li le. Dawn x'ghandhom x'jaqsmu?* wegibni.

*Ghandhom x'jaqsmu hafna, ghax dawn il-professjonijiet ghandhom rata hafna aktar gholja minn ta' sacerdoti ta' abbuzi fuq it-tfal.*

Qalli r-ragel*: Jista' jkun, imma l-Knisja biss m'ghamlet xejn dwarha – taf bl-abbuzi u lil dawn il-perversi tibghathom x'imkien iehor bil-mohbi.*
Wegibtu*: Mela veru ma tafx x'inhu jigri habib. Fi New York City biss, it-teachers jabbuzaw bit-tfal ghaxar darbiet izjed mis-sacerdoti, u l-helpers fil-homes tal-gvern ukoll, u dawn kollha jibaghtuhom x'imkien iehor minghajr ma jirrapurtawhom.*

Ma tkellem xejn. U komplejt jiena: *Skuzani se nkellmek hekk, imma wara kollox inti hekk kellimtni. Meta thares lejk innifsek fil-mera, inti li inti missier, tara pedofilu?*

Iccassa lejja u nhasad, u qalli*: X'il-mniefah trid tghid biha din?*

*Ghax jahasra, il-maggoranza tat-tfal li huma abbuzati sesswalment jew mod iehor huma vittmi ta' missierhom jew membru tal-familja.*

Hawnhekk ir-ragel thawwad sew u ma tkellem xejn. U jien ghidtlu*: Mela ha nghidlek, meta jien inhares lejk, missier, jien ma narax pedofilu, u napprezza hafna li anki inti meta thares lejja lanqas ma tarani hekk.*
Ir-ragel, imhasseb hafna, qalli*: Mela ghalfejn dejjem fuqkom is-sacerdoti nisimghu dawn l-affarijiet kollha, ghalfejn ghalikom din il-mibeghda kollha?*

Wegibtu*: Ghal tlett ragunijiet:*
1. *Ghax ahna s-sacerdoti nirraprezentaw lil Alla, u ghalhekk meta jaghmlilha mqar wiehed biss minna, iktar hija disgustanti.*
2. *Ghax hawn hafna li m'ghandhom l-ebda mhabba lejn il-Knisja, u ghandhom xewqa kbira li jeqirduha.*
3. Ghax libell lil Knisja Kattolika jaf ifisser hafna flus.

Ir-ragel hares lejja, hareg idu u hadli b'idi. Qalli: *Grazzi hafna. Imn'Alla ltqajt mieghek. Bhalissa qed niftakar f'xi sacerdoti qaddisin li ltqajt maghhom meta kont tifel u ohrajn li sirt naf dan l-ahhar. M'ghandix niggudikakhom minhabba d-dnubiet ta' xi ftit.*

*Grazzi,* wegibtu. Iccajtajna ftit, u telaq.

Hadt ir-ruh, imma kont ghadni mrieghed. Hassejt ruhi mfarrka u ergajt ftakart fit-tbatija li dawn l-abbuzi gabu fuq il-vittmi u l-familja taghhom, fuq l-insara, fuqna s-sacerdoti u fuq il-Knisja kollha.

IS-SACERDOT HUWA MAGHZUL MINN ALLA BIEX JAGHTI HAJTU GHALINA, IL-POPLU T'ALLA. HUWA MAHBUB HAFNA MINN MARIJA, OMM ALLA. NITOLBU GHALIH U NGHINUH, U MHUX INZEBILHUH. MINGHAJR SACERDOT, M'HEMMX EWKARISTIJA, U MINGHAJR EWKARISTIJA M'HEMMX GESU' KRISTU.

# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## Kollass morali....

Fl-eqqel t'Awwissu f'nofs sajf sħun li ma tantx iħallilek enerġija taħseb u tirrifletti dwar affarijiet profondi, fejn kulħadd donnu jirrilassa, forsi xi ftit iż-żejjed, u fejn kollox donnu jgħaddi, laqatni ħafna artiklu li deher fil-gazzetta Ingliża *Guardian* fil-15 t'Awwissu.

Dan l-artiklu jirraporta x'qal il-priministru Ingliż David Cameron dwar is-soċjeta' Ingliża. David Cameron isejjaħ lil Ingilterra bħala mkissra ('broken Britain'). Jgħid li hemm kollass morali fil-pajjiż li qed jikkawża diversi problemi serji. Jitkellem dwar kif fl-Ingilterra qed tirrenja arja ta' irresponsabilita u egoismu.

Jgħid li kemm il-kbar kif ukoll it-tfal qed iġibu ruħhom b'mod li juru li ma jemmnux li l-għażliet li jagħmlu se jkollhom konsegwenzi u għalhekk kulħadd qed jagħmel dak li jidhirlu li għandu jagħmel fil-mument; kollox ta' dak il-ħin; m'hemmx ħsieb għall-futur; m'hemmx ħsieb dwar kif dak li se nagħmel jista' jaffettwa lill-oħrajn. Isemmi kif hemm ħafna tfal mingħajr missirijiet, kif l-iskejjel ma fihomx dixxiplina, u kif kulħadd jistenna li jgawdi mingħajr ebda sforz. Kulħadd irid id-drittijiet imma jinsa r-responsabilitajiet u d-dmirijiet. Ir-riżultat ta' dan il-kollass morali fl -Ingilterra huwa kommunitajiet mingħajr kontroll, fejn il-kriminalita' żdiedet u wieħed kważi jibża' jimxi barra waħdu. U fl-aħħar ta' dan id-diskors Cameron jgħid li se jonfqu ħafna flus u jinvestu ħafna ħin u riżorsi biex jippruvaw idawru l-arloġġ lura. Jitkellem dwar il-valuri tad-diċenza, tad-dmir, tad-dixxiplina, tal-koperazzjoni u jgħid li se jitfasslu programmi apposta sabiex jerġgħu jitrawwmu dawn il-valuri fost iż-żgħażagħ li mhumiex jirċevuhom mill-familja.

Dan l-artiklu ġegħlni nintebaħ kemm f'Malta qegħdin fi żmien importanti. Aħna li dejjem ħarisna lejn l-Ingilterra biex fassalna l-qafas legali u soċjali tagħna, għandna għalfejn nieqfu u nirriflettu dwar x'irridu għal pajjiżna, għall-familji tagħna u għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Għalkemm l-affarijiet inbidlu, u l-progress ħalla l-effetti inqas pożittivi tiegħu f'Malta wkoll, forsi għadna ma wassalniex fl-estremita' ta' pajjiżi bħall-Ingilterra fejn tidħol il-moralita'. U għalhekk għandna niftħu għajnejna u ma nħallux l-attitudnijiet tagħna jinbidlu kif ġara lil ħafna popli oħrajn. Nemmen li għadna fil-ħin li nitgħallmu – għalkemm forsi m'għadhiex

li kienet sa ftit snin ilu, il-familja Maltija għada b'saħħitha, għad għandna wkoll sens ta' kommunita' li hu b'saħħtu ħafna, il-ħajja umana għad għandna rispett lejha. Ejja nkomplu nsaħħu dawn il-valuri, fina u fit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. J'Alla nkomplu nħobbu u napprezzaw lit-tfal u mhux narawhom bħala piż kif sfortunatement qed jiġri f'ħafna pajjiżi Ewropej ġirien tagħna. Ejja nkomplu napprezzaw lill-anzjani tagħna u nrawwmu fit-tfal dawk id-drawwiet li kellna aħna meta konna tfal – li nżuru lin-nanniet u nirrispettawhom. Għandna nkomplu napprezzaw l-ambjent ta' madwarna u nieħdu r-responsabilta' li nsebbħu l-ambjent li ngħixu fih u nżommuh nadif. Għandna nkomplu noffru l-għajnuna tagħna mingħajr ma nistennew xejn lura – ma nħallux il-mentalita' fejn kollox għandu prezz iddaħħal in-nibbieta tagħha fostna u fost iż-żgħar tagħna. Għandna ma naqtgħux qalbna nibqgħu nemmnu fid-dixxiplina pożittiva u f'li nsaħħu sens ta' responsabilta' u dmir fiż-żgħar tagħna.
U fl-aħħarnett għandna nżommu f'moħħna li dawn il-valuri huma kollha valuri kattoliċi; dawn huma valuri li jekk aħna ngħożżu l-fidi tagħna għandhom ikunu tagħna b'mod naturali. U b'hekk għandna nżommu f'moħħna wkoll kemm hu mportanti li aħna nkomplu nitħeġġu fil-fidi tagħna u nħeġġu lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna f'din l-istess fidi.
J'Alla ma naslux fil-punt fejn aħna wkoll ikollna bżonn indawru l-arloġġ lura...
Daniella Zerafa

L-INDULĠENZI : Tista' **tirbaħ Indulġenza plenarja:**




1) Bir-reċta devota tar-Rużarju,
2) B'nofs siegħa Adorazzjoni Ewkaristika,
3) B'Via Sagra quddiem il-kwadri fi knisja,
4) B'nofs siegħa qari tal-Iskrittura.

L-unika ċirkustanza li tista' tintrebaħ Indulġenza plenarja darbtejn f'jum hija f'każ ta'mewt. Persuna moribonda fl-istat tal-grazzja t'Alla jekk titlob tista' taqla' Indulġenza plenarja. Wieħed jagħmel tajjeb li jagħmel l-intenzjoni li jitlob 'l Alla biex jagħtih l-Indulġenzi kollha li jkunu marbuta ma' kull opra tajba jew talb li jagħmel avolja ma jkunx konxju tagħhom.
Fit-tmien jum tan-novena tal-Ħniena Divina, Ġesu jgħid lil Santa Fawstina, "Agħmel ħiltek biex tirbaħ l-Indulġenzi kollha miġbura fit-Teżor tal-Knisja tiegħi u offrihom għall-erwieħ tal-purgatorju.
Tagħrif miġbur minn Carmena Gatt

# Kalendarju Settembru

**Is-Sibt 3:** Adorazzjoni b'riparazzjoni għall-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija

**Is-Sibt 3 -** Festa bdiewa fuq
u l-Ħadd 4: iz-zuntier tal Knisja

**It-Tjejn 5**: Għeluq ta' skola sajf fiċ-ċentru parrokjali

**Il-Ħamis 8**: Festa tat-Twelid tal-Vergni Marija

**Mit-Tnejn 12** – **I**l-komunita' tal-patrijiet inkunu qegħdin
**Sal-Ġimgħa16:** niċċelebraw il-Kapitlu Provinċjali Ordinarju

Is-Sibt 17: Festa tal-Pjaġi ta' Missierna San Frangisk Quddiesa għat tfal fiċ-ċentru parrokjali fid-9.00 ta' filgħodu fejn jigu imbierka il-basktijiet ta' l-iskola fl'okkazzjoni tal-festa ta' San Ġuzepp ta' Kopertino. Wara jsiru xi attivitajiet għat-tfal fiċ-ċentru stess.

Il-Ġimgħa 23 Huma jiem ta' Maratona . Festa għal Sal--Ħadd 25: familja kollha. Nistennewkom. Program dettaljat fin-notice boards tal-Knisja.

L_Erbgħa 28:quddiesa għat tfal u genituri kollha li din is-sena sejrin jattendu id-duttrina. Din sejra issir fiċ-ċentru parrokjali fil-5.30pm fejn wara l-quddiesa ikun hemm spjegazzjoni fuq il-kotba li ser jintużaw din is-sena u granet ta' meta sejjer issir il muzew. Tajjeb li ma tonqsux milli tattendu.

Il-Ħamis 29: Festa ta' San Mikiel Arkanġlu . fil-5.30pm purċissjoni bl-istatwa ta' San Mikiel u rizarju li jibda mill-isqaq li jagħti għall-kappella ta' San Mikiel u mal wasla fejn il kappella ssir hemmehekk il-quddiesa. Dak inhar ma ssirx quddiesa fil-parrocca. Kulhadd huwa mistieden biex jieħu sehem f'dan il-pellegrinaġġ żgħir li ssir kull sena f'ġieħ San Mikiel.

## Tajjeb tkun taf:

Għal dawk it-tfal li din is-sena sejrin ikunu year 1 tibda wkoll għalihom id-dutrina. Għalhekk fil-ġimgħat ta' settembru sejjer ikun hemm l-iskrizzjoni ta' dawn it-tfal bejn il-5.30 u 6.00pm fil-qasam tal-Muzew. Tridu tieħdu magħkom iċ-ċertifikat tat-twelid li toħroġ il-parroċċa meta dawn ikun tgħamdu.

Tajjeb infakru li kull nhar ta' Ħamis mid-9.00am sa 12.00pm ikun hemm fiċ-ċentru il-kappella tas-sagrament miftuha. Tajjeb li insibu ħin u immorru inzuru lil Ġesu' Sagramentat.

Tajjeb ukoll tkun taf li nhar ta' Ħamis mid-9.00am sa nofs inhar ikun hemm il-Librerija miftuha, inheggu tfal kif ukoll intom il kbar biex tagħmlu uzu minnha.